Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 220/2016

Il-Pulizja

Vs

Ezekiel Xuereb

Illum 26 ta' Jannar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Ezekiel Xuereb detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 126396 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fl-10 ta' Lulju, 2013 ghall-habta tal-16.45hrs gewwa Triq Fleur De Lys, B' Kara:

1. Waqt li kien qed isuq jew kellu fil-kontroll tieghu cikletta bil-pedali li tahdem ukoll bl-ghajnuna ta' mutur (rota mekkanizzata), b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna feriti ta' natura gravi per durata fuq Oscar Attard hekk kif gie iccertifikat minn Dr. Jeffrey Bonnici (3214) mill-Isptar Mater Dei;

2. Ukoll talli fl-istess data, hin, lol u cirkostanzi saq cikletta bil-pedali li tahdem ukoll bl-ghajnuna ta' mutur (rota mekkanizzata) meta ma kienetx registrata mal-Awtorita' ta' Transpost Malta;

3. Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq l-imsemmija cikletta b' manjiera traskurata, bla kont u perikoluza;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma tax attenzjoni specjali ghal pedestrians li jkunu qed jaqsmu t-triq jew li jieqaf jekk ikun hemm bzonn.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-21 t' April, 2016, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 226 (1) (a) tal-Kap 9;

L-Artikolu 15 (1) (a) tal-Kap 65;

Ir-regolamenti 4 u 12 tal-S. L. 65. 26, u l-S. L. 65. 05 Taqsima IV, B (f) tal-Ligijiet ta' Malta;

Sabet lill-imputat hati fuq l-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet, u tikkundannah ghal piena ta' xahar prigunerija sospizi ghal sentejn, taht supervizjoni, ai termini tal-Artikolu 28 G tal-Kap 9 in oltre ma ssibux hati fuq it-tieni imputazzjoni w ghalhekk tilliberah minnha.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-imputat Ezekiel Xuereb, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-2 ta' Mejju, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti, joghgobha tilqa' dan 1-appell u tirriforma s-sentenza appellata kif gej:

(a) Tikkonfermaha fil-parti fejn huwa gie dikjarat mhux hati u minnha illiberatu cjoe t-tieni (2) il-imputazzjoni.

(b) Thassarha u tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati cjoe l-ewwel (1), it-tielet (3) u r-raba' (4) il-imputazzjoni u tiddikjarah mhux hati u konsegwentement tilliberah kompletament skond il-ligi.

Alternattivament, u minghajr pregudizju, f' kaz li dan l-appell ma jintlaqax joghgobha thassara fil-parti tal-piena billi minflok tigi imposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Ezekiel Xuereb huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi l-Ewwel Aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi l-Prosekuzzjoni ma gabitx il-provi tal-elementi rikjesti mill-ligi ghar-reati addebitati lill-esponent u 1-provi migjuba mill-prosekuzzjoni jieqfu ferm il-boghod mill-piz tal-prova rikjest mill-ligi u cjoe dak fi grad ta' certezza morali minghajr dubju dettat mir-raguni. Kwindi I-prosekuzzjoni ma ppruvatx iI-kaz taghha fil-grad li huwa rikjest fil-kamp penali u dana qed jinghad ghar-rigward tal-htija tal-imputat Ii per konsegwenza hija "unsafe and unsatisfactory".

L-esponent dejjem cahad bil-qawwa kollha I-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu. Waqt l-istqarrija tieghu, minkejja Ii kien ghadu minuri, minkejja Ii kienet l-ewwel darba f' hajtu li qatt gie interrogat u minkejja li kien skomdu hafna minhabba li kien qieghed jigi interrogat f' ambjent Ii mhux is-soltu jkun fih, huwa ghazel li jirrispondi ghal kull domanda li saritlu.

Fix-xhieda tieghu fuq il-pedana tax-xhieda 1-esponent spjega b'mod dettaljat kif gara I-incident. Kemm waqt I-istqarrija Ii huwa rrilaxxa lil pulizija kif ukoll waqt Ii kien fuq il-pedana, 1-esponenti dejjem tenna 1-istess verzjoni.

Il-kaz tal-Prosekuzzjoni jistrieh fuq ix-xhieda ta' Robert Gauci. Bl-akbar rispett, meta wiehed jaghmel analizi tax-xhieda tas-Sur Gauci jirrizultalu li s-Sur Gauci ma rax l-incident isehh. Ix-xhieda tas-Sur Gauci hija wahda konfuza u mhux konsistenti.

Bl-akbar rispett, meta wiehed jaghmel analizi bir-reqqa tal-istatement tal-esponent rilaxxat lil pulizija u anke tax-xhieda tal-esponenti fejn huwa kompla jispjega kif gara l-incident, kif ukoll jaghmel analizi bir-reqqa tax-xhieda tas-Sur Gauci li hija pjuttost konfuza u nieqsa minn informazzjoni ta' relevanza u essenzjali ghal dan il-kaz wiehed jista jasal ghal konkluzjoni illi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha fil-grad li huwa rikjest fil-kamp penali.

Illi minghajr pregudizzju ghal-aggravju precedenti it-tieni aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi jirrizulta li s-Sur Mario Gauci, il-persuna li kien irraporta l-incident tat-traffiku ma rax l-impatt tal-habta bejn Oscar Attard u l-esponent. Minhabba dan il-fatt ix-xhieda tieghu hija konfuza ghall-ahhar.

Mistoqsi mill-Onorabbh Qorti jekk huwa rax l-incident isehh, ix-xhud wiegeb li huwa ma rax l-incident isehh izda sema l-hoss tal-impatt.

Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni jekk kienx hemm aktar nies apparti hu li kienu qeghdin jaqsmu mill-pedestrian crossing? Ix-xhud wiegeb li le u dana minhabba il-fatt li s-Sur Attard '...to be fair kien qisu zewg jew tlett metri l' boghod miz-zebra crossing...'

Mistoqsi mill-Qorti jekk is-Sur Attard kienx qed jaqsam direttament minn fuq iz-zebra crossing? Huwa rrisponda li s-Sur Attard ma kienx qieghed jaqsam minn fuq iz-zebra crossing.

Mistoqsi mid-difiza jekk jistax jikkonferma li s-Sur Attard meta kien se jitlaq

kien diga zewg jew tlett metri l' boghod miz-zebra crossing? Huwa kkonferma lis-Sur Attard ma kienx fuq iz-zebra cross izda ftit wara direzzjoni lejn in-naha ta' Fleur De Lys.

Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni jekk x' hin sema' 1-impatt il-lights kienux ghadhom homor? lx-xhud irrisponda fl-affermattiv, izda fl-istess waqt specifika li fi zmien hmistax-il sekonda lahqu qalbu.

Il-Prosekuzzjoni ma staqsiet 1-ebda domanda lix-xhud principali taghha dwar il-mod u 1-manjiera li biha 1-esponent kien qieghed isuq ir-rota.

Illi jigi umilment sottomess illi 1-provi diretti migjuba mill-prosekuzzjoni f'dan iI-kaz kienu kollha dubjuzi stante li dawn il-provi diretti ma kienux konvincenti. Il-prosekuzzjoni ppruvat tissuplimenta il-kaz taghha u ppruvat tipprova l-kaz taghha minghajr dubju dettat mir-raguni, permezz ta' provi cirkustanzjali, li fl-opinjoni umli tal-esponenti ma jiswew xejn stante li 1-provi cirkustanzjali mressqa mill-prosekuzzjoni ma humiex univoci, ma humiex konkatenati u ma jippuntawx lejn direzzjoni wahda.

Bl-akbar rispett, 1-esponent ma setghax jinstab hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi minghajr pregudizzju ghal-aggravji precedenti it-tielet aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi ghal kuntrarju tax-xhieda tas-Sur Mario Gauci, 1-esponent kien dejjem konsistenti fil-verzjoni tieghu ta' kif graw il-fatti, kemm waqt l-istqarrija rilaxxata lil pulizija kif ukoll fuq il-pedana tax-xhieda.

L-esponenti dejjem insista Ii huwa kien tiela' lejn Fleur De Lys min-naha ta' gewwa bejn il-karozzi pparkjati u dawk Ii kienu qed jistennew fit-traffic lights. Kif kien ftit il-boghod mit-traffic lights huma kienu orangjo u kif wasal hdejhom huma kienu hodor u ghaldaqstant huwa baqa' ghaddej, kif

ghamlu vetturi ohra. Is-Sur Attard hariglu minn wara karozza u per konsegwenza laqtu bir-rota. L-esponent dejjem emfasizza Ii s-Sur Attard meta ntlaqat bir-rota ma kienx fuq iz-zebra crossing.

Mix-xhieda tal-esponent jirrizulta Ii 1-magna tar-rota kienet ittella' velocita' ta' massimu ta' hmistax il-kilometru. Tenut kont Ii 1-istatura tal-esponent hija kbira u robusta huwa mpossibli li 1-esponent kien qieghed isuq bil-velocita' ta' hmistax il-kilometru izda definittivament kien qieghed isuq b' velocita' baxxa hafna u sabiex gara l-incident dan kien bilfors ghaliex Oscar Attard habat huwa mar-rota wara Ii hareg minn bejn il-karozzi.
Ikkunsidrat;

Illi l-lanjanza ewlenija imqanqla mill-appellanti hija marbuta mal-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti u dan meta jishaq illi l-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni ma jilhqux il-grad tal-prova mehtiega fil-kamp penali ghas-sejbien ta' htija.

Illi kif stqarr LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper"** ([1969] :-
*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (*f'dan il-kaz il-konkluzjonijiet raggunti mill-Magistrat*), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution's evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Confer also : BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)
Illi ghalhekk, "kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta ta' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-

Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx *wahda "safe and satisfactory"* fid-dawl tar-rizultanzi. (Ara. App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et"** [12.5.94] ; "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud**" [11.7.94]; "**Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**" [10.5.2002] u ohrajn)[1]"

Illi minn qari tad-decizjoni impunjata jirrizulta illi l-ewwel Qorti wasslet ghal konkluzjoni illi l-kawza prossima ta' dan is-sinistru stradali kien il-fatt illi l-appellanti, li dak in-nhar kien qieghed isuq cikletta bil-pedali li kellha mutur zghir imwahhal maghha, baqa' ghaddej bejn vettura wieqfa minhabba li *t-traffic lights* fuq il-*pedestrian crossing* kienu fuq l-ahmar u il-bankina sabiex b'hekk tajjar lill-anzjan Oscar Attard li f'dak il-mument kien qed jaqsam it-triq. Fil-fehma tal-Ewwel Qorti, l-agir ta'l-appellanti kien wiehed traskurat u perikoluz u allura kellu jwiegeb ghal konsegwenzi ta'l-azzjonijiet tieghu. L-appellanti isostni illi l-Ewwel Qorti malament strahet fuq dak li stqarru zewg xhieda okulari li fil-fehma tieghu izda ma rawx dak li sehh qabel l-impatt u allura ma setghux jasslu ghal konkluzjoni li l-kulur tat-*traffic lights* kien ghadu ahmar meta l-vittma sefa' imtajjar. Jistqarr illi l-Ewwel Qorti ma messitx skartat dak mistqarr minn *a tempo vergine* lill-pulizija fl-istqarrija rilaxxjata minnu, liema vizjoni giet ikkonfermat bil-gurament quddiem il-qorti, fejn huwa kien stqarr illi l-anjzan kien harriglu ghall-gharrieda minn wara vettura meta dan ta'l-ahhar ipprova jaqsam it-triq lil hinn mill-*pedestrian crossing.*

Illi huwa indubitat illi l-appellanti li kien qed isuq ic-cikletta tieghu f'karreggjata fit-triq kien obbligat josserva dawk ir-regolamenti kollha li ghandhom isegwu l-vetturi u dan minhabba sigurta fit-triq. Iktar u iktar bhal f'dan il-kaz fejn ic-cikletta kienet mghammar b'mutur zghir. Tant hu hekk li l-legislatur haseb biex jirregola l-komportament ta' dawn ir-roti mekanizzati li sahansitra illum jinnecessitaw licenzja mahruga mill-Awtorita tat-Trasport sabiex ikunu jistghu jinstaqu fit-triq. Dan ifisser allura illi is-

[1] Il-Pulizija vs Noel Buhagiar – App. Krim 10/04/2008

sewwieq ta' dawn it-tip ta' roti ghandhom josservaw ukoll ir-regolamenti tat-traffiku u mhux jippruvaw jaharbu mill-osservanza ta' dik il-prudenza u kawtela mistennija minn kull sewwieq fit-triq. Mistqarr dan il-Qorti allura ma tistax hlief tkkondividi il-fehma ta'l-Ewwel Qorti meta din ghaddiet biex sabet htija fl-appellanti. Dan ghaliex huwa indubitat illi l-appellanti hass li seta ighaddi bhal feles bejn vetturi li kienu weqfin minhabba fit-*traffic lights* u il-bankina fejn kien hemm ipparkeggjati il-vetturi ukoll, u minflok ghazel li jkun prudenti u jieqaf bhall-vetturi l-ohra li kien hemm fit-triq u jistenna lid-dawl tat-*traffic lights* jaqleb minn ahmar ghal ahdar bil-galbu, baqa' isuq sabiex wasal fuq quddiem u f'dak il-mument li d-dawl kien qed jaqleb minn orangjo ghall-ahdar u minghajr ma osserva jekk kienx ghad hemm nies qed jippruvaw jaqsmu baqa' isuq. B'konsegwenza ta' dan il-fatt huwa sab quddiem wiccu lill-anzjan Oscar Attard u laqtu bir-rota ta' quddiem tac-cikletta misjuqa minnu. Illi anke jekk gratia argomenti din il-Qorti kellha temmen il-verzjoni ta'l-appellanti, l-fatt illi d-dawl kien lahaq qaleb sakemm wasal mat-*traffic lights* ma jaghtix licenzja lill-appellanti li jibqa' isuq minghajr ma jieqaf biex josserva dak li qed jigri madwaru. Fil-fatt tant kien mghaggel biex jibqa sejjer u ma jieqafx ghal sekonda illi naqas milli jara lil Attard qed jintenta jaqsam it-triq. Ighid hekk fl-istqarrija tieghu: "*Jien qatt ma kont wieqaf kompletament, jien slowjajt kif kien fuq l-orangjo u kif qeleb ahdar soqt.*" Di piu hu stess ighid illi l-anzjan kien qed jaqsam 'il fuq mit-*traffic lights* u allura iktar u iktar kellu jara dak li kien quddiemu "*in plain view*". Illi lanqas jista jigi emmnut l-appellanti meta ighid illi l-vittma harigglu ghall-gharrieda minn wara vettura hekk kif wasal mieghu ghaliex d-daqqa tant kienet qawwija illi l-vittma itajjar ghal distanza konsiderevoli, waqa',habat rasu u spicca fil-perikolu li jitlef hajjtu. Ix-xhieda ta' Robert Gauci hija determinanti mhux daqstant biex titfa dawl fuq id-dinamika ta'l-incident, izda ghaliex jikkonferma illi fil-mument li sehh l-impatt bejn ir-rota u il-vittma huwa kien ghadu qed jaqsam it-triq u allura zgur illi id-dawl tat-*traffic lights* ma kienx ghadu qaleb fuq l-ahdar ghas-sewwieqa utenti tat-triq. Dawn il-hsibijiet jinsabu ukoll riflessi fir-rapport ta'l-espert tat-traffiku nominat mill-Inkwirenti, Mario Buttigieg, li ighid hekk:

"*Illi Xuereb ghal xi raguni baqa ghaddej u qatt ma waqaf hdejn il pedestrian crossing sabiex jevita l-habta. ... Illi anki kif inhi t-topografija tat-triq irid jinghad illi Xuereb seta ra lill Attard fit-triq u mhux qabad u baqa ghaddej minghajr kawtela fit-triq.*"

Illi ghalkemm huwa minnu ukoll illi kien hemm in-negligenza kontributorja tal-vittma meta huwa intenta jaqsam it-triq lil hinn mit-*traffic lights*, madanakollu dan ma jezonerax lill-appellanti mir-responsabbilita penali tieghu.
*"In criminal proceedings the contributory negligence of the victim does not absolve the person causing the damage, bodily harm or death from criminal responsibility unless it is the only cause of that accident. However it may be taken into account for the purpose of punishment*". (Il-Pulizija vs David Rigglesford – App.Inf 31/05/2005)

Maghdud dan allura, l-Ewwel Qorti kellha tiehu in konsiderazzjoni dan il-fattur sabiex tikkalibra l-piena li kellha tigi inflitta fuq l-appellanti, haga li jidher li naqqset milli taghmel. Ukoll ghalkemm jidher fil-motivazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti ghad-decizjoni taghha illi kienet sejra tghaddi biex tapplika id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 37 tal-Kodici Kriminali fil-kalibrazzjoni tal-piena, in vista tal-fatt illi l-appellanti kien ghadu minuri ta' sbatax-il sena fid-data indikata fl-akkuza, madanakollu naqqset milli tinkludi din id-disposizzjoni tal-ligi fil-parti decizorja taghha. Kwindi din il-Qorti hija tal-fehma illi ghalkemm ma hemm l-ebda raguni la legali u lanqas fattwali li jistghu iwassluha titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni impunjata dwar ir-reita' ta'l-appellanti, madanakollu hemm lok ghal mitigazzjoni fil-piena u dan fid-dawl tal-fatturi hawn fuq indikati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn din sabet htija fl-appellanti ghall-ewwel, it-tielet u r-raba imputazzjonijiet u ukoll fejn din illiberatu mit-tieni akkuza, tvarja il-piena inflitta u minflok dik ta' xahar prigunerija sospiza ghal sentejn taht

supervizjoni, tikkundanna lill-appellanti ghal hlas ta' multa ta' hames mitt ewro.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur